li jkun għaddej mit-triqat tar-raħal, lit-tfal żgħar tal-bdiewa għalkemm forsi xi ftit imqattgħin u xi ftit maħmuġin ukoll. Nisthajjel li hu nnifsu kien jiftakar fi tfulitu u, għalhekk, irrid naħseb ukoll li mhux l-ewwel darba, kif kien ikun miexi mar-raħal, kien jarfa' rasu 'l fuq u jħares għal taħt iċ-ċint tas-saqaf tal-għorfa, fejn, tfajjel ta' tmien snin, kien jitla' u jixxabbat mas-slielem għall-bejtiet tal-ħuttaff u tal-għasafar; kien jieħu gost ukoll igħaddi, bil-brevjarju f'idejh, minn dik it-trejqa li tibda sewsew minn quddiem id-dar tagħhom u tibqa' sejra sser-rep ġewwa l-egħlieqi tal-bħajra u tad-dwieli sa ma twasslek taħt is-siġar għoljin tal-ġewż u tal-qastan, fejn taħthom, seminarista, kien igħaddi s-sigħat sħaħ -il-kotba, jistudja; kien jixtieq ukoll li ta' kull tant jasal wasla sa ħdejn il-għar imħaffer fis--sies, fejn, fi tfulitu, fix-xita u l-borra, imterter bil-bard, kien jiskenn hu u missieru.

U jista' jkun qatt li issa, għax sar Papa, Dun Anġ sejjer jinsa għalkollox dawn it-tifkiriet sbieħ u għeżież ta' tfulitu u ta' żgħożitu? Jista' jkun qatt li dawk il-lampi kbar u dawk il-linef tal-kristall tal-palazz tal-Vatikan, u dawk l-irħamiet li jleqqu u jilmaw sa tara dellek fihom, u dawk it-twapet ta' kull lewn, ta' kull daqs u ta' kull ħxuna, sejrin jeqirdu darba għal dejjem dawk il-ġibdiet li twieldu u kibru miegħu għal 77 sena sħaħ u jitfu kull xrara ta' mħabba lejn dar ommu u lejn l-altar li fuqu għamel l-ewwel tqarbina u qaddes l-ewwel darba? Jista' jkun qatt li Dun Anġ "ma jiġix iżjed" f'Sotto il Monte il-għaliex sar Papa? Sejrin jitilfuh għalkollox lil Dun Anġ in-nies twajba ta' Sotto il Monte? Hi ħaġa tqila wisq li twieġeb minn issa Le jew Iva; hi ħaġa kbira li n-nies tar-raħal tiegħu għad jaraw fosthom lil Dun Anġ tagħhom. Imma, il-Papa diġa' ħareġ iżur il-Bażiliki ta' Ruma u, fis-26 ta' Diċembru li għadda (1958), mar ukoll jara lill-ħabsin ta' "Regina Coeli" ta' Ruma, ħaġa li ħadd ma kien jistennieha. Għalhekk, dwar it-tgemgima ċkejkna li sforz l-imħabba għamlu in-nies ta' Sotto il Monte meta, wara l-bxara sabiħa, qalu lil xulxin "Issa Dun Anġ ma jiġix iżjed", iż-żmien, u ż-żmien biss, jista' jtina tweġiba.

25/XII/58.



## ID-DINJA U L-BNIEDEM

*Ta'* Ġużè Chetcuti

Il-ħajja hi bħal mogħdija
w id-dinja sala kbira:
hemmhekk il-bniedem jidħol
w għal ftit il-ġmiel jammira,

jitgħaxxaq b'dik il-glorja
u dak id-dawl li jsib,
il-mirja jlellxu u jiddu,
tal-bogħod jidher fil-qrib.

Imbagħad meta jispiċċa
jithenna b'dak il-ġmiel,
iħoss id-dawl qed jonqos,
w is-saħħa qed tidbiel.

Jagħti l-aħħar tislima
x'ħin jaqa' d-dlam tal-lejl,
u minn ġos-sala kbira
b'nofs ħajra jibqa' għaddej.

7. 5. 58.

---

## IL-ĠLIED TAL-ĦBIEB

*Ta'* Marċell Mizzi

X'ħin tara ħbieb antiki
jiftluha ma' xulxin,
u jitfgħu botti u ċiki
mill-għira midmumin;

u flok il-ħbiberija
issaltan il-mibegħda,
u flok qalb it-tfulija
issib ta' sriep miżegħda:

bħal tħoss li s-skiet tal-qabar
u 'l bogħod tal-mifrudin
huma aħjar ferm mil-labar
f'ilsien il-miġġildin.